MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2007

Numru 129/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**VS**

**MARCO SALAFIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Marco Salafia, ta’ 33 sena, bin Orazio u Rosaria nee’ Vizzini, imwieled nhar l-1 ta’ Frar, 1974, imwieled Gera, Sqa.llija, u residenti bla indirizza fiss gewwa Malta, detentur tal-karta tal-identita’ taljana AN 2294414;

Akkuzat talli nhar l-10 ta’ Frar, 2007 ghall-habta ta’ xis-sitta u nofs ta’ fil-ghaxija (18.00hrs), bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-

esekuzzjoni ta’ delitt billi ttanta jikkometti serq ta’ diversi oggetti minn gewwa l-fond numru 10 u l-fond bl-isem Cestake, Triq il-Karmnu, San Giljan ghad-dannu ta’ Elaine Pellicano, u Imelda Rapinett, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu, u dan bi ksur tal-Artikoli 41, 261, 263, 267, 269, u 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U kif ukoll talli bil-hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-persuna ta’ haddiehor, u dan bi ksur tal-Artikoli 340 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f’dan l-istadju ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat l-Artikoli 41, 261, 263, 267, 269, 330, u 340 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Marco Salafia hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien tlitt (3) xhur, sospizi ghal sena (1) taht supervizjoni ta’ ufficjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spejgat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------